

СЪД НА ЕВРОПЕЙСКИТЕ ОБЩНОСТИ
TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS
SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ
DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL
GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN
EUROOPA ÜHENDUSTE KOHUS
ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ
COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES
COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES
CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EORPACH
CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE
EIROPAS KOPIENU TIESA



EUROPOS BENDRIJŲ TEISINGUMO TEISMAS
AZ EURÓPAI KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA
IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN
TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓLNOT EUROPEJSKICH
TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS
CURTEA DE JUSTIȚIE A COMUNITĂȚILOR EUROPENE
SÚDNY DVOR EURÓPSKÝCH SPOLOČENSTEV
SODIŠČE EVROPSKIH SKUPNOSTI
EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN
EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

Stampa u Informazzjoni

STQARRIJA LILL-ISTAMPA Nru 74/09

10 ta' Settembru 2009

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-76/08

Il-Kummissjoni vs Malta

BILLI AWTORIZZAT IL-FTUĦ TAL-KAĊĊA GĦAS-SUMMIEN U GĦALL-GAMIE MILL 2004 SAL-2007, MALTA MA OSSERVATX ID-DIRETTIVA DWAR L-GĦASAFAR SELVAĠĠI

L-awtorizzazzjoni li ssir il-kaċċa għal dawn iż-żewġ speċi għal madwar xahrejn fir-rebbiegħa, fil-perijodu ta' migrazzjoni tagħhom, li tfisser rata' ta' mortalità tliet darbiet akbar għas-summien, u tmien darbiet akbar għall-gamie, minn dik li tirriżulta mill-kaċċa fil-ħarifa, hija sproporzjonata.

Id-Direttiva dwar l-għasafar selvaġġi¹ tipprevedi li tista' ssir il-kaċċa għal ċerti speċi ta' għasafar. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kaċċa tikkonforma mal-prinċipji tal-użu bil-għaqal u l-bilanċ ekoloġiku tal-kontroll tal-ispeċi tal-għasafar ikkonċernati. Fil-każ tal-ispeċi migratorji, għandhom jaraw b'mod partikolari li l-ispeċi li għalihom ir-regolamenti tal-kaċċa japplikaw ma jkunx suġġetti għall-kaċċa waqt il-perjodu tar-ritorn tagħhom għall-postijiet tat-trobbija. Hija permessa deroga minn dawn ir-regoli jekk ma jkun hemm ebda soluzzjoni oħra sodisfaċenti.

Is-summien u l-gamie huma żewġ speċi migratorji li jistgħu jkunu suġġetti għall-kaċċa f'Malta skont id-Direttiva. Kull sena, bejn l-2004 u l-2007, il-kaċċa għas-summien u għall-gamie waqt il-migrazzjoni tar-rebbiegħa kienet ġiet awtorizzata. Peress li qieset li din l-awtorizzazzjoni ma kinitx konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva, il-Kummissjoni ressqet rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

Malta rrispondiet li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-deroga kienu ġew osservati għaliex ma kienet teżisti ebda soluzzjoni oħra sodisfaċenti, peress li matul il-perijodu tal-kaċċa fil-ħarifa kien biss numru żgħir wisq tal-għasafar ta' dawn l-ispeċi li seta' jinqabad. Peress li ma kinitx konvinta minn dawn ir-risposti, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, anki jekk iż-żewġ speċi inkwistjoni huma effettivament preżenti fil-ħarifa f'Malta, matul is-snin inkwistjoni, il-kaċċaturi, matul il-perijodu tal-kaċċa fil-ħarifa, setgħu jaqdbu biss kwantità negliġibbli ta' għasafar. Barra minn hekk, matul dan il-perijodu, iż-żewġ speċi ta' għasafar inkwistjoni jkunu jinsabu biss f'parti żgħira ta' Malta. Fl-

¹ Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE, tat-2 ta' April 1979, dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, p. 1)

aħħar nett, il-popolazzjoni ta' dawn iż-żewġ speċi ta' għasafar ma tinsabx f'livell mhux sodisfaċenti. Mil-lista tal-ispeċi mheddha stabbilita mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-natura jirriżulta li l-ispeċi inkwistjoni jinsabu fil-kategorija msejja ta' "preokkupazzjoni minuri". Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, f'dawn iċ-ċirkustanzi partikolari ħafna, f'Malta, il-kaċċa għal dawn l-ispeċi fil-ħarifa ma tistax titqies li hija soluzzjoni alternattiva sodisfaċenti għall-ftuħ tal-kaċċa fir-rebbiegħa.

Madankollu, din il-konstatazzjoni ma tiftaħx mingħajr limiti l-possibbiltà li tiġi awtorizzata l-kaċċa fir-rebbiegħa, iżda tippermetti biss li l-kaċċa tinfetħ strettament biss sa fejn hija meħtieġa u sakemm l-għanijiet l-oħra tad-Direttiva, b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ispeċi kkonċernati, ma jkunux mheddha.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **l-estensjoni tal-perijodu tal-kaċċa matul il-perijodu tar-rebbiegħa**, perijodu li matulu ż-żewġ speċi jirritornaw lejn il-postijiet tat-trobbija tagħhom, u **li twassal għal rata' ta' mortalità tliet darbiet akbar**, b'madwar 15 000 għasfur maqtul, **għas-summien, u tmien darbiet akbar**, b'madwar 32 000 għasfur maqtul, **għall-gamien, minn dik li tirriżulta mill-prattika tal-kaċċa matul il-perijodu tal-ħarifa, mhijiex soluzzjoni adegwata u strettament proporzjonali għall-għan ta' konservazzjoni tal-ispeċi** mfittex mid-Direttiva.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, minkejja li ż-żewġ speċi inkwistjoni jkunu jinsabu fil-ħarifa fi kwantitajiet negliġibbli biss u għal perijodu limitat ħafna u peress li ebda att tal-kaċċa mhuwa impossibbli fil-ħarifa, billi awtorizzat il-ftuħ tal-kaċċa fir-rebbiegħa għas-summien u għall-gamien matul diversi ġimgħat kull sena, mill-2004 sal-2007, Malta ma osservatx il-kundizzjonijiet tad-deroga u, għalhekk, **naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva.**

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja

Lingwi disponibbli: EN FR MT

It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit Internet tal-Qorti tal-Ġustizzja

<http://curia.europa.eu/jurisp/cgi-bin/form.pl?lang=MT&Submit=rechercher&numaff=C-76/08>

Ġeneralment, tkun tista' tikkonsulta minn nofsinhar (CET) tal-jum li fih tingħata s-sentenza.

Għal iktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell

Tel: (00352) 4303 3355 Faks: (00352) 4303 2731

*Filmati tal-udjenza solenni huma disponibbli fuq EBS "Europe by Satellite",
servizz mogħti mill-Kummissjoni Ewropea,*

Direttorat Ġenerali tal-Istampa u Komunikazzjoni

L-2920 il-Lussemburgu, Tel: (00352) 4301 35177 Fax: (00352) 4301 35249

jew B-1049 Brussell, Tel: (0032) 2 2964106 Fax: (0032) 2 2965956